L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 6 ta' Mejju, 2005

# **Minghajr inkjesta**

Fil-Jiem li ghaddew naqsuli Lm500. Ma kien hemm l-ebda bniedem li ssogra xi sentenza ta habs biex hadhomli.

Kien hemm biss xi hadd li talabni dan l-ammont bla ma kellu jedd fuqhom. Li gieghlni bilfors inhallashom u li sostna li jien m'ghedtx il-verita' metakont diga hallast it-taxxa ta' transazzjonijiet inter vivos. Kien il-gvern li assuma li jien kelli naghti Lm500 iktar f'taxxa ghax deherlu li l-post mixtri kien jiswa ferm iktar minn kemm dikjarat.

Issa l-verita' hi li jien xtrajt il-post kif iddikjarajtu. Izda ghalija m'hemmx cans li naghmel xi rapport ghand il-Pulizija. M'hemmx cans li niddiskuti ma hadd u li jiddefendini hadd. Il-Lm500 naqsu ghax gejt imgieghlha nhallashom u xi hadd iehor qed jipposjedihom bla ma ghandu dritt ghalihom.

Izda fil-kaz tieghI l-'persuna' li tippossjedihom hija l-gvern ta' Malta u d-Dipartimetn tat-Taxxa Inter Vivos. Personalment m'ghandix fejn immur. Hadd ma jista' jiddefendini. L-ammont kellu jithallas u l-unika mezz ta' difiza kontra nteressi kbar u multi jistennew wara l-bieb kien li jithallas!

Min jaf kemm hawn min wehel taxxa ingusta. Taxxa li ma kinitx dovuta u kellu jhallasha biex jevita' proceduri kontrih. Kien hawn min sahansitra ddahhal il-habs fuq formoli tal-VAT mhux mibghuta fil-hin. Dawn kollha kazijiet li mhumiex qed jigu nvestigati jew wara li juru li l-bazi tal-flus li kellhom ihallsu jew detenzjoni kienet bla bazi jigu kkumpensati.

Dawk li jisgassawlhom il-bieb ta' barra l-hallelin li jxammru l-kmiem biex jisirqu jistghu jmorru ghand il-pulizija. Izda dawk bhali - li jispiccaw vittmi ta' taxxa ingusta kollox jittehdilhom - minghajr inkjesta.

Rigward l-artiklu tieghI bl-isem "Amministrazzjoni Inefficjenti" nixtieq naghmel apologija lill-pulizija tal-Ufficcju tal-Kondotti li nfurmawni li l-Ufficcju taghhom jiftah ukoll fil-ghaxija.

Hadt pjacir li l-impjegati stess ikkuntattjawni biex jikkoreguli l-izball tieghi u qalu li huma jahdmu hafna biex jifthu ghal hinijiet twal. Nemmen ukoll li forsi ma fehmux sa barra l-argument tieghi fejn jiena nsistejt li hafna ufficini li jien semmejt huma 'understaffed' u l-haddiema li jahdmu fihom qeghdin jaghmlu sforz kbir biex ilahhqu ma' l-ammont ta' xoghol.

L-artiklu tieghi kien proprju dwar il-fatt li jithaddmu iktar nies sabiex anke d-drittijiet tal-haddiema stess li jahdmu f'dawn l-ufficini jigu mharsa u jiddispjacini li certu haddiema setghu haduha personali. Li jigri f'hafna kazijiet huwa li huma l-haddiema li jiffaccjaw in-nies fuq il-'front desk' u mhux min jimpjegahom li jkun ha d-decizjonijiet dwar hinijiet ta' ftuh ta' l-ufficcju ecc.

Dan mentri huma stess ikunu qed jigu sfruttati ghax iridu jlahhqu ma' ammont ta' xoghol tremend.

Nikkjarifika li hawn hekk m'inix qed nghid ghall-Ufficcju tal-Kondotti. Izda zgur li jezistu ufficini bhal dawn.

Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li hadu nteress u wrew l-opinjoni taghhom dwar dak l-artiklu. Nispera li ghamel xi fitit hid kif sperajt li jaghmel.

Ghal kummenti jew suggerimenti *lornav@onvol.net*